



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2010/0355(NLE)

28.2.2011

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ġdid li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-
Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe
(COM(2010)0735 – C7-0000/2011 – 2010/0355(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Isabella Lövin

PA_Legapp

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-Ftehim tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe skada fil-31 ta' Mejju 2010. Il-Protokoll il-ġdid li diġà qed japplika b' mod provviżorju sakemm titwettaq il-proċedura ta' approvazzjoni tal-Parlament Ewropew se ikollu validità ta' 3 snin.

Skont l-Artikolu 43, paragrafu 2 u l-Artikolu 218, paragrafu 6(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jista' jagħti l-approvazzjoni tiegħu, jew jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu. Il-possibilità li tiġi rrifjutata l-approvazzjoni għandha titqies bħala għodda għal meta jkun eżawriti l-għażliet l-oħra kollha, marbuta mal-evidenza li l-ambitu tal-ftehim ma jkunx qed jiġi rrispettat kif xieraq, sakemm il-Parlament ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-protokoll għal raġunijiet oħra.

Skont l-abbozz ta' ftehim, il-Partijiet jintrabtu għal qafas ta' sħubija li jiffaċilita l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, fl-interess taż-żewġ Partijiet.

It-test tal-Protokoll il-ġdid jikkonforma mat-tħassib taż-żewġ Partijiet biex is-sħubija u l-kooperazzjoni fis-settur tas-sajd jissaħħu bl-użu tal-istrumenti finanzjarji kollha disponibbli.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tammonta għal **EUR 2 047 500** fuq il-medda tat-tliet snin ta' dan il-Protokoll. Dan l-ammont jikkorrispondi għal:

- EUR 455 000 fis-sena, li hu ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza annwali ta' 7 000 tunnellata fis-sena għal 40 bastiment, u
- EUR 227 500 fis-sena li jikkorrispondu għall-pakkett addizzjonali mħallas mill-UE bħala appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe.

Ma' dan iridu jiżdiedu l-ammonti mħallsa mis-sidien tal-bastimenti - id-dritt tal-liċenzja ta' EUR 6.125 għall-bastiment tas-sajd bit-tartarun idur, EUR 2.275 għal bastimenti li jistadu bil-konżijiet tal-wiċċ, kif ukoll EUR 35 għal kull tunnellata ta' tonn maqbud fiż-żona ekonomika esklussiva ta' São Tomé u Príncipe.

São Tomé u Príncipe għalhekk tirċievi EUR 100 għal kull tunnellata ta' tonn maqbud, bi ħlas għal minimu ta' 7000 tunnellata garantiti fis-sena, kif ukoll fondi addizzjonali għall-iżvilupp tas-settur nazzjonali tas-sajd

Jekk il-kwantità totali tal-ħut maqbud mill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fl-ibħra ta' São Tomé taqbeż is-7000 tunnellata fis-sena, il-kontribuzzjoni finanzjarja tiżdied b'**EUR 65** għal kull tunnellata mħallsa mill-UE u EUR 35 għal kull tunnellata mħallsa mis-sidien tal-bastimenti.

Meta l-kwantitajiet maqbuda mill-bastimenti Komunitarji jaqbzū d-doppju tal-ammont totali

annwali, l-ammont dovut għall-kwantità li taqbeż dak il-limitu għandu jitħallas is-sena ta' wara. Għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, din tista' tkun problematika għal diversi raġunijiet.

Skrutinju tal-evalwazzjoni tal-ftehim jissuġerixxi li l-kwistjonijiet li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati matul l-implimentazzjoni tal-ftehim:

- São Tomé u Príncipe hi pajjiż mill-anqas żviluppati u tikkwalifika wkoll bħala pajjiż bi djun kbar. Il-ħut jikkontribwixxi 74 fil-mija tal-proteini mill-annimali għad-dieta nazzjonali.
- L-amministrazzjoni, il-ġestjoni u l-iżvilupp tas-sajd f'São Tomé u Príncipe xorta għandhom dgħajfa, wara li rċevew appoġġ finanzjarju mill-aħħar Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd, kif deskritt fl-evalwazzjoni tal-ftehim.
- Il-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ginea Ekwatorjali u tal-Gabon, ta' operaturi Ewropej, għandhom liċenzi privati fl-ibħra ta' São Tomé u Príncipe. Dan għandu jiġi investigat mill-Kummissjoni, peress li jdgħajjef il-klawżola tal-esklużività tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd,
- Il-benefiċċji tal-ftehim għal São Tomé u Príncipe huma limitati għall-kontribuzzjoni finanzjarja peress li, skont l-evalwazzjoni, mhemm l-ebda żbarki, żjarat fil-portijiet, impjegi lokali u benefiċċji ekonomiċi oħra.
- L-ebda osservatur ma ġie mobilizzat fuq il-bastimenti tal-UE u hemm tħassib dwar il-konformità mar-rekwiżiti tar-rappurtar mill-bastimenti tal-KE.
- Uħud mill-ispeċi ta' ħut maqbuda huma ta' tħassib, speċjalment it-tonn ta' għajnejh kbira u l-pixxitondu. Hemm tħassib ukoll dwar is-sajd bil-konzizzjoni b'qabdiet inċidentali kbar ta' tajr u fkieren tal-baħar.

Madankollu, il-ftehim ipprova appoġġ sinifikanti għall-baġit tal-amministrazzjoni tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe. Twaqqaf reġistru tal-flotta tas-sajd, u l-kontroll tjejb. Ittieħed l-ewwel pass lejn sistema ta' satellita VMS. Kif tixhed l-evalwazzjoni, "Għalkemm il-progress ġenerali sar bil-mod, u għad fadal ħafna oqsma x'jiġu indirizzati, il-kontribuzzjoni tal-Ftehim fil-forniment ta' appoġġ baġitarju għal dawn il-kisbiet m'għandux jiġi sottovalutat mill-Partijiet".

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi l-approvazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq il-punti li ġejjin waqt l-implimentazzjoni tal-Ftehim:

- (a) it-trasparenza tal-proċeduri biex jiġu identifikati l-qabdiet totali għandha titjeb;
- (b) m'għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-integrità tal-mekkaniżmu kollu, fil-konfront tal-problemi ta' korruzzjoni;
- (c) ir-responsabilità tal-gvern lokali għandha tissaħħaħ u l-gvern lokali jrid jiggarrantixxi wkoll it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja għas-sajjieda lokali;
- (d) l-istandards minimi u l-kundizzjonijiet maqbula fuq livell reġjonali, bħal ma huma r-

rekwiżiti ta' osservazzjoni u rappurtaġġ iridu jiġu rrispettati.

- (e) rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim għandhom jitwettqu u jintbgħatu lill-Parlament u lill-Kunsill sabiex tiġi promossa t-trasparenza;
- (f) kemm l-ispirtu u l-ittra tal-klawżola tal-esklużività għandhom jiġiharsu.